# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 23 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1143/17/2 MCH**

**Emanuel Cuschieri u b'digriet tal-24 ta' Mejju, 2018 l-atti tal-kawża ġew trasfużi f'isem l-atturi l-oħra kollha bħala l-uniċi eredi tal-attur Emanuel Cuschieri u dan wara l-mewt tal-istess Emanuel Cuschieri fil-mori tal-kawza, Duncan, Dione, Simon u Vanessa mart Edwin Camilleri aħwa Cuschieri**

**v.**

**Is-soċjeta` Allwares Limited [C 369], John Spiteri Debono, Joseph Anthony Spiteri Debono f'ismu proprio u bħala mandatarju tal-assenti Ronald Spiteri Debono u n-Nutar Anthony Spiteri Debono**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju, 2018, fil-kawża fl-ismijiet

premessi (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet imqajmin mill-intimati u ċaħdet it-talbiet attriċi kollha, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellanti");

2. Bl-azzjoni mibdija minnhom, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-appellanti kienu talbu lill-ewwel Qorti ssib ma jiswiex digriet ta' deżerzjoni mogħti minn din il-Qorti (magħmula minn imħallfin oħrajn) fl-14 ta' Marzu, 2017, fl-appell li kienu ressqu minn sentenza li kienet ingħatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Ġunju, 2013, fl-atti tal-kawża fl-ismijiet "*Is-Soċjetà Allwares Limited C-369, John Spiteri Debono, Joseph Anthony Spiteri Debono f'ismu proprio u bħala mandatarju ta' l-assenti Ronald Spiteri Debono u n-Nutar Anthony Spiteri Debono vs Emanuel Cuschieri u Tereża mart l-istess Emanuel Cuschieri*" (Ċitazz. Nru. 1049/05);

3. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha fis-sentenza appellata billi qieset kif ġej:

> "*Ir-rikorrenti qeghdin jattakkaw id-digriet ta' dezerzjoni moghti mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu, 2017, fil-kawza fl-ismijiet inversi, bhala irritu u null peress li mhux wiehed skont il-ligi. Konsegwentement jinghad li l-istess digriet wassal ghac-cahda tad-dritt taghhom li l-appell jinghata smigh xieraq kif irid l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*
>
> *Min-naha l-ohra l-konvenuti jikkontendu li l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi in kwantu d-digriet moghti mill-Qorti tal-Appell ma jistax jigi mpunjat permezz ta' azzjoni bhal din; li ma tistghax tintalab revoka*

*tad-digriet tal-14 ta' Marzu, 2017, minghajr ma tintalab ukoll ir-revoka tad-digriet tal-10 ta' Ottubru, 2017 u fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li d-digriet impunjat huwa skont il-ligi u gust fic-cirkostanzi tal-kaz u ghalhekk m'hemmx lok li jigi revokat.*

***Fatti***

*Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti. L-atturi f'din il-kawza kienu citati bhala konvenuti f'proceduri ta' actio rei vendicatoria quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet Is-socjeta Allwares Limited C369, John Spiteri Debono, Joseph Anthony Spiteri Debono, f'ismu proprio u bhala mandatarju ta' l-assenti Ronald Spiteri Debono u n-nutar Dr. Anthony Spiteri Debono vs Emanuel Cuschieri u Tereza mart l-istess Emanuel Cuschieri u b'digriet tal-Qorti tat-18 ta' Gunju, 2009, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat it-trasfuzjoni tal-atti wara l-mewt ta' Tereza mart Emanuel Cuschieri favur Duncan, Dione, Simon u Vanessa mart Edwin Camilleri. L-atturi f'dawk il-proceduri (Citazzjoni Numru 1049/2005) taw l-indirizz taghhom bhala "Hedera", Triq il-Wied Ta' Rmiedi, Attard.*

*Dawk il-proceduri in Prim'Istanza gew determinati permezz ta' sentenza li nghatat fil-11 ta' Gunju, 2013, fejn dik il-Qorti, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, laqghet it-talbiet attrici u ordnat it-tnehhija minn fuq l-arja tal-fond maghruf bl-isem Army & Navy Restaurant, tal-oggetti kollha li jinsabu hemm installati u li jservu l-fond sottostanti, proprjeta tal-konvenuti fit-terminu ta' tliet xhur. Il-konvenuti (atturi f'din il-kawza) ntavolaw appell quddiem il-Qorti tal-Appell, kontra sentenza li nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-11 ta' Gunju, 2013, fejn ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu li l-Qorti tal-Appell thassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza, billi tichad it-talbiet attrici f'dik il-kawza u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti.*

*Fir-rikors tal-appell intavolat fis-27 ta' Gunju, 2013, gie ndikat l-indirizz "Hedera", Triq il-Wied Ta' Rmiedi, Attard, bhala l-indirizz tal-appellati. Dan ir-rikors tal-appell qatt ma gie notifikat lill-atturi appellati, billi minn kif jidher mir-referta a tergo ta' fol. 146 tal-process 1049/2005, meta l-ufficjal tal-Qorti mar fl-indirizz moghti, ma fetah hadd. Wara r-referta hawn qabel imsemmija, ma jirrizultax li sar xi tentattiv iehor sabiex issir in-notifika tar-rikors tal-appell. L-atturi appellati gew notifikati bl-avviz ghas-smigh tal-appell fil-21 ta' Dicembru, 2016, fl-istess indirizz f'H'Attard.*

*Meta ssejjah l-appell fl-ewwel udjenza quddiem il-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Frar, 2017, dehret id-difensur tal-appellanti flimkien ma' Simon Cuschieri, wiehed mill-appellanti, kif ukoll id-difensuri tas-socjeta appellata Allwares Limited, debitament rapprezentata fl-awla. Fl-istess verbal jinghad li "Peress li l-appellati ghadhom mhux notifikati bl-appell, l-appell qed jigi differit ghall-14 ta' Marzu, 2017…ghan-notifika kif inghad...". Fis-16 ta' Frar, 2017, sar il-hlas sabiex sar*

*attentat iehor ta' notifika fl-istess indirizz f'H'Attard, li madankollu kellu ezitu negattiv kif jirrizulta a tergo ta' fol. 172. Fis-6 ta' Marzu, 2017, is-socjeta appellata Allwares Limited ipprezentat ir-risposta ghall-appell.*

*Fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2017, dehru l-istess partijiet debitament assistiti, fejn filwaqt li d-difensur tas-socjeta appellata gibed l-attenzjoni ghall-fatt li peress li giet pprezentata risposta ghall-appell, effettivament l-istess socjeta tat ruhha b'notifikata bl-appell, izda l-Qorti tal-Appell rrilevat li ghad iridu jigu notifikati l-appellati l-ohra Spiteri Debono. Id-difensur tal-appellanti talbet differiment sabiex tirregola ruhha in vista tad-diffikultajiet riskontrati mill-appellanti sabiex jinnotifikaw l-appell taghhom lill-appellati. Fl-istess seduta, l-Qorti tal-Appell ddikjarat l-appell dezert wara li osservat li l-appell baqa' ma giex notifikat lill-appellati fiz-zmien koncess mill-Qorti skont il-verbal tas-seduta precedenti, filwaqt li osservat ukoll li r-referti negattivi jirrisalu ghat-2 ta' Lulju, 2013, u li baqghu ma ttiehdux mizuri ghan-notifika tal-appell qabel Dicembru, 2016, cioe tliet snin wara.*

*L-appellanti Cuschieri, ressqu rikors quddiem il-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu ntalbet ir-revoka contrario imperio tad-digriet tal-14 ta' Marzu, 2017, moghti waqt is-smigh tal-kawza u li tirriappunta l-kawza ghan-notifika u s-smigh, wara li l-partijiet jitrattaw l-istess rikors. Is-socjeta Allwares Limited, filwaqt li opponiet l-imsemmi rikors safejn inghad fih li r-rapprezentant taghha agixxa in mala fede, rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti. Wara li l-istess rikors gie appuntat ghas-smigh ghall-11 ta' Lulju, 2017, u d-difensuri tal-partijiet itrattaw l-imsemmi rikors, dan gie differit ghall-provvediment ghall-10 ta' Ottubru, 2017.*

*Permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Ottubru, 2017, dik il-Qorti cahdet ir-rikors ta' Emanuel Cuschieri et tas-17 ta' Marzu, 2017. Dan il-provvediment inghata wara li l-Qorti tal-Appell osservat li l-appell gie dikjarat dezert wara li l-proceduri bil-miktub ma gewx maghluqa fiz-zmien li trid il-ligi. Ghalkemm ir-raguni ghat-talba ghar-revoka tad-digriet ta' dezerzjoni kienet imsejsa fuq il-fatt li skont ir-rikorrenti, s-socjeta appellata agixxiet b'mod skorrett u inducithom fi zball, din l-allegazzjoni ma kkonvincitx lill-Qorti tal-Appell. Hija rriteniet li ghalkemm kien minnu li meta nfethu l-proceduri, kien hemm indirizz wiehed ipprovdut ghall-atturi kollha, xorta tibqa' l-htiega li l-atturi kollha jigu notifikati bir-rikors tal-appell separatament, minkejja li n-notifika kellha ssir fl-istess indirizz. Il-Qorti tal-Appell osservat li minkejja li r-rikors tal-appell kien gie pprezentat fis-27 ta' Gunju, 2013, u li fit-2 ta' Lulju, 2013, gew registrati tlett referti negattivi, fis-sens li hadd mill-atturi appellati ma gie notifikat bir-rikors tal-appell, ghal erba' snin shah ma thallset ebda zieda da parti tal-konvenuti appellanti f'dik il-kawza sabiex tigi ntentata notifika ohra. Dan wassal sabiex l-atti bil-miktub ma gewx maghluqa fi zmien sena kif titlob il-ligi.*

*Ghalkemm waqt l-ewwel udjenza quddiem il-Qorti tal-Appell, l-appellanti nghataw l-opportunita li jigu notifikati l-appellati sal-14 ta' Marzu, 2017, kif jipprovdi l-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan ghal darba wahda biss, kif tipprovdi l-istess ligi, l-appellanti ghamlu attentat wiehed biss sabiex issir in-notifika fl-istess indirizz f'H'Attard. Ghal darba ohra dan it-tentattiv ta' notifika rrizulta f'referta negattiva, izda la ntalbet li ssir notifika wara l-hinijiet legali, u lanqas li ssir il-procedura ta' pubblikazzjoni u affissjoni. Ghalkemm id-difensur tal-appellanti kienet notifikata bir-risposta tas-socjeta appellata biss, fattur iehor li kellu jindika li kien hemm problema ta' notifika tal-bqija tal-appellati, ma sar ebda tentattiv iehor ta' notifika, sabiex l-atti bil-miktub jigu maghluqa. Dan wassal lill-Qorti tal-Appell ghall-konkluzjoni li l-appellanti wrew traskuragni kbira meta kien id-dmir taghhom li jaraw li l-atti jinghalqu fi zmien sena mill-prezentata tal-appell u ghal kwazi erba' snin shah ittraskuraw dan id-dover taghhom u ghalkemm inghataw xahar zmien ulterjuri sabiex jaghmlu dak li kellhom jaghmlu, dan it-terminu wkoll thalla jiskadi inutilment. Il-Qorti tal-Appell irriteniet li dan ma kienx kaz li l-appellanti ghamlu minn kollox sabiex ikunu konformi mal-ligi, izda kaz fejn gie ttraskurat l-obbligu impost fuqhom li jaraw li l-atti jinghalqu fiz-zmien li trid il-ligi. Id-diffikoltajiet riskontrati mill-appellanti ma kenux meqjusa nsormontabbli, izda l-istess appellanti ma nqdewx mill-varji ghodda li tipprovdi l-ligi ghal dak l-iskop.*

*Wara d-digriet tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Ottubru, 2017, gew intavolati l-proceduri odjerni, fil-21 ta' Dicembru, 2017, li permezz taghhom qieghed jigi attakkat id-digriet ta' dezerzjoni enuncjat mill-Qorti tal-Appell.*

***Konsiderazzjonijiet***

*L-atturi f'din il-kawza jilmentaw li fl-ewwel seduta tal-14 ta' Frar, 2017, quddiem il-Qorti tal-Appell, hadd ma qajjem il-kwistjoni tad-dezerzjoni tal-appell u li din giet mqajjma mill-istess Qorti ex ufficio. Fin-nota taghhom jaghmlu referenza ghal zewg sentenzi tal-Qorti tal-Appell fejn jinghad li l-eccezzjoni tad-dezerzjoni ma tistghax tinghata effett mill-Qorti sua sponte jekk din ma tinghatax bhala eccezzjoni (**Angela Debattista et vs Joanne Debattista et**, 24/06/2016 u **Pietru Camilleri et vs Michael Portelli et**, 27/06/2016). Jaghmlu referenza ghall-Artikolu 732(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili sabiex isostnu l-piz li kellu fuq is-setgha tal-Qorti fil-kazijiet ta' dezerzjoni. Inoltre jinghad li bl-inseriment tas-sub-artikolu (3) ghall-Artikolu 963 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) l-legislatur wera l-intendiment car li s-sanzjoni tad-dezerzjoni ghandha tigi evitata meta ragjonevolment possibbli sabiex jigu salvati l-kawzi. Jishqu li ma gie mpost ebda terminu tassattiv ghall-gheluq tal-proceduri bil-miktub, tant li dan is-subartikolu jitkellem dwar l-gheluq "kemm jista' jkun malajr".*

*Jibda billi jigi osservat illi kif rilevat mill-konvenuti, tirrizulta gurisprudenza wkoll li d-dezerzjoni tista' titqajjem mhux biss bhala eccezzjoni mill-kontro-parti izda tista' tigi sollevata wkoll mill-Qorti ex ufficio (Ara s-sentenza* ***Formosa & Camilleri noe vs W.J. Parnis England noe et,*** *App 08/06/2004 u l-gurisprudenza estensiva hemm citata). Jirrilevaw ukoll li ghalkemm l-artikolu 732(2) tal-Kap. 12 jipprovdi ghar-rinunzja tal-eccezzjoni tad-dezerzjoni, jekk ma tinghatax qabel kull eccezzjoni perentorja ohra, din tikseb relevanza kieku l-parti li ma gietx notifikata (f'dan il-kaz l-ahwa Spiteri Debono) dehru quddiem il-Qorti u ma ssollevawx l-eccezzjoni tad-dezerzjoni minnufih u dan kif jipprovdi l-Artikolu 963(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel argument imressaq mill-atturi f'din il-kawza. Ghalkemm huwa minnu li hadd mill-partijiet ma qajjem il-kwistjoni ta' dezerzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell, huwa ritenut li l-Artikolu 963 tal-Kap. 12 hija disposizzjoni ta' ordni pubbliku (ara f'dan is-sens is-sentenza* ***L-Avukat Dr Renzo Porsella Flores et noe vs Ir-Registrtur tal-Qorti et,*** *PA 30/06/2015). Kwindi ghalkemm hadd mill-appellati ma qajjimha formalment, din il-kwistjoni setghet certament titqajjem ex ufficio mill-Qorti tal-Appell. Inoltre minn qari tal-Artikolu 963 tal-Kap. 12 jirrizulta tabilhaqq car illi:*

> *"(1) … il-procedura bil-miktub, f'kull kawza, ghandha tigi maghluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiz-zmien perentorju ta` sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta' appell, fiz-zmien perentorju ta' sena.*
>
> *(2) Fil-qorti tal-ewwel grad, iz-zmien jibda ghaddej minn dak in-nhar tal-prezentata tar-rikors guramentat, u, fil-qorti fi grad ta' appell, minn dak in-nhar tal-prezentata tar-rikors tal-appell ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza appellata.*
>
> *(3) Jekk, ukoll jekk ikunu ghaddew iz-zminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proceduri bil-miktub f`kawza m'humiex maghluqa****, il-qorti ghandha ghal darba wahda biss taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proceduri jinghalqu kemm jista` jkun malajr u sabiex jigi evitat illi l-kawza tmur dezerta minhabba f'xi nuqqas ta` notifika jew minhabba f`xi nuqqas ta` twettiq ta` xi procedura jew formalita.***
>
> *(3A)* ***Id-dezerzjoni ta` kawza ghandha tigi dikjarata b`digriet moghti fil-qorti bil-miftuh jekk, wara li jkunu nghataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proceduri bil-miktub jibqghu ma jinghalqux."*** *(enfasi mizjud minn din il-Qorti).*

*"Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li jinghad mill-atturi, mhux talli jirrizulta t-terminu tassattiv ta' sena li fih ghandhom jinghalqu l-proceduri bil-miktub, taht is-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 963, talli fil-kaz li l-Qorti taghti koncessjoni sabiex jinghalqu l-istess proceduri bil-miktub, dan huwa permess ghal darba wahda biss.*

*Ghandu jinghad ukoll li c-cirkostanzi tal-kawzi citati mill-atturi kienu totalment differenti minn dawk in ezami, peress li fil-kawza* ***Angela Debattista et vs Joanne Debattista et*** *il-process ta' notifika kien ferm aktar ikkumplikat peress li kien jinvolvi l-hatra ta' kuraturi deputati, filwaqt li fil-kaz* ***Pietru Camilleri et vs Michael Portelli et*** *l-eccezzjoni tad-dezerzjoni kienet michuda peress li ghalkemm in-notifika tar-rikors tal-appell sar wara t-terminu ta' sena kif msemmi fl-Artikolu 963(1), saret qabel ma nghataw ordnijiet mill-Qorti kif kontemplat fl-Artikolu 963(3). Isegwi li c-cirkostanzi f'dawk il-kawzi ma jistghux jigu paragunati ma' dawk fil-kaz in ezami.*

*L-atturi jilmentaw ukoll li l-Qorti tal-Appell injorat l-iskop u l-animu wara l-inseriment tas-sub-artikolu (3) ghall-Artikolu 963 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isostnu li qabel l-emendi li sehhew permezz tal-Att VIII tas-sena 2007, il-Qorti ma kellha ebda mezz kif tevita d-dezerzjoni, izda s-sitwazzjoni nbidlet bl-introduzzjoni tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 963, peress li l-intenzjoni wara tali emendi kien li jinghata mezz lill-Qrati kif tigi evitata d-dezerzjoni u kwindi l-Qorti kellha taghti opportunita effettiva lill-parti sabiex il-parti tinghata smigh xieraq, tant li ma gie impost ebda terminu ulterjuri li fih ghandhom jinghalqu l-proceduri bil-miktub. Dan, jinghad mill-atturi, sar bl-intenzjoni cara li jigu salvati l-kawzi mill-effett tad-dezerzjoni. Isegwi li meta fil-kaz in ezami, l-Qorti tal-Appell tat lill-atturi xahar zmien sabiex issir in-notifika, dan ma kienx zmien bizzejjed sabiex issir in-notifika u ghalhekk ma segwitx l-ispirtu tal-emendi tal-Artikolu 963(3).*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa minnu li l-emenda legislattiva taghti lill-Qorti l-fakolta li permezz ta' ordni jigi estiz it-terminu sabiex il-proceduri bil-miktub jinghalqu* ***kemm jista' jkun malajr sabiex jigi evitat li l-kawza tmur dezerta,*** *izda dan ghal darba wahda biss. Wara li tinghata dik l-ordni mill-Qorti, hija ma jifdlilha ebda diskrezzjoni sabiex twarrab id-dezerzjoni tal-appelli. Fil-fatt is-sub-artikolu (5) tal-Artikolu 963 jipprovdi li meta minkejja l-ordnijiet moghtija mill-Qorti skont is-subartikolu (3), il-proceduri bil-miktub jibqghu mhux maghluqa, l-kawza quddiem il-Qorti tat-tieni grad <u>ghandha titqies bhala kawza dezerta.</u> It-terminologija adoperata hija certament wahda mandatorja u mhux wahda fakoltattiva, dan fil-fehma ta' din il-Qorti, sabiex jigi enfasizzat il-htiega li l-proceduri jsiru bl-ispeditizza mehtiega sabiex tigi deciza kawza fi zmien ragonevoli. Minn ezami tal-atti tal-kawza 1049/2005, jirrizulta li l-Qorti tal-Appell imxiet strettament fuq il-parametri tal-provvediment tal-Artikolu 963 tal-Kap. 12.*

*Ghandu jinghad li l-atturi konvenjentement jiskartaw il-fatt li l-appell taghhom gie pprezentat fis-27 ta' Gunju, 2013 u sakemm dehru quddiem il-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Frar, 2017, ghaddew kwazi erba' snin, li matulhom sar tentattiv wiehed biss da parti tal-atturi ghan-notifika. Dan iz-zmien (li altru milli kien sufficjenti sabiex issir in-notifika) ma jigix ikkunsidrat mill-atturi bhala relevanti, anzi addirittura jippretendu li ma kellux jigi kkunsidrat mill-Qorti tal-Appell fil-*

*konsiderazzjonijiet taghha tal-kaz in ezami! Certament l-atturi mhumiex korretti f'dan l-argument. Jigi osservat li kif inghad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tat-30 ta' Ottubru, 2009, fil-kawza fl-ismijiet* ***Paul Muscat et vs l-Avukat Generali et,*** *li inter alia ezaminat il-kwistjoni ta' dezerzjoni, izda f'cirkostanzi differenti, fejn kien ritenut illi r-regoli tal-procedura huma ntizi sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tal-kontendenti fil-kawza. Kwindi mhux imholli li persuna tilmenta bi pregudizzju, kemm-il darba dawk l-istess regoli ma jigux osservati u kull konsegwenza effett ta' dak in-nuqqas trid tbatiha hi altrimenti jkun hemm incertezza fil-proceduri legali. Hekk ukoll fis-sentenza taghha tal-10 ta' Marzu, 2014, fil-kawza fl-ismijiet* ***Gernot Knoess et vs The Attorney General et****, l-Qorti Kostituzzjonali qalet ukoll:*

> *"…the institute of desertion, … is meant to avoid delays due to failure by plaintiff to pursue his case diligently…The institute of desertion is a strong disincentive to carelessness and nonchalance should not be rendered ineffective through a too accommodating interpretation…In the present case Plaintiffs' culpable inactivity amply exceeded the time allowed by law."*

*Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, f'ghajnejn din il-Qorti ma hemm ebda dubju li t-traskuragni da parti tal-atturi riskontrata mill-Qorti tal-Appell fil-kawza li ggib referenza 1049/2005 tirrizulta cara u ladarba kien in-nuqqas tal-atturi (appellanti f'dik il-kawza) li wassal ghad-dezerzjoni tal-appell taghhom imputet sibi. L-argument tal-atturi dwar il-fatt li deher Leonard Cassar ghan-nom tas-socjetà Allwares Limited fl-ewwel dehra quddiem il-Qorti tal-Appell, kienet indikazzjoni li ma kienx ser ikollhom problema bin-notifiki u li l-Qorti tal-Appell kienet ser tikkoncedi l-fakoltà li ssir in-notifika permezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni seduta stante, mhumiex ghajr supposizzjonijiet u kongetturi, li ftit jaghtu fejda ghas-sitwazzjoni tal-atturi meta wiehed jikkonsidra l-inerzja taghhom fuq medda konsiderevoli ta' zmien.*

*In kwantu ghall-eccezzjoni tal-konvenuti fejn jinghad minnhom li l-azzjoni attrici hija inamissibbli in kwantu d-digriet moghti mill-Qorti tal-Appell, ma jistax jigi impunjat permezz tal-azzjoni odjerna, jinhass opportun li ssir referenza ghal dak ritenut mill-Qrati taghna fis-sens illi:*

> *"hemm tliet xorta ta' digrieti, cioe` dawk definittivi, dawk interlokutorji, u dawk (it-tielet kategorija) li la huma definittivi u lanqas interlokutorji, u li filwaqt li ghall-ewwel u ghat-tieni kategorija hemm appell kif ikkontemplat fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, ghat-tielet kategorija ma hemmx dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell" (J. Bonello noe v. E. Ellul noe Appell Kummercjali 26 ta' Gunju 1987 Vol. LXXI pg. 390; Baldacchino v. Bellizzi 10 ta' Awissu 1953 Vol. XXXVII I 519)"*

*Dawn id-decizjonijiet jispjegaw illi d-digrieti tat-tielet kategorija jistghu jigu mpunjati "permezz ta' citazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digriet u s-sentenza li tingata fuq din ic-*

*citazzjoni tista' eventwalment tigi appellata quddiem il-Qorti ta' l-Appell." (Ara per ezempju l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-12 ta' Lulju, 2005, fil-kawza fl-ismijiet* ***Ronald Agius et vs Paul Portelli.)***

*Huwa risaput illi digriet interlokutorju huwa dak li permezz tieghu tigi deciza xi kwistjoni li tirregola l-andament tal-kawza waqt li din tkun ghadha miexja. Dan huwa digriet li ma jikkostitwiex gudikat ghal Qorti li tkun ppronunzjatu u konsegwentement jista' jkun soggett ghar-revoka contrario imperio tal-istess Qorti – (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta'Dicembru 1998, fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Abela vs Perit Fredrick Valentino et). Min-naha l-ohra digriet definittiv itemm kontroversja bejn il-kontendenti.*

*Applikati dawn il-principji ghall-kawza in ezami, din il-Qorti tqis li d-digriet tal-14 ta' Marzu, 2017, attakkat mill-atturi f'din il-kawza huwa wiehed interlokutorju, in kwantu kien intiz li jirregola l-andament tal-kawza u mhux il-mertu tal-appell li kien hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. It-tali digriet seta' jigi kkontestat ai termini tal-Artikolu 229 (4) tal-Kap. 12 fejn dik l-istess Qorti tintalab li tikkonsidra mill-gdid id-decizjoni taghha. Fil-fatt l-atturi odjerni, appellanti f'dik il-kawza hekk ghamlu meta permezz tar-rikors taghhom tas-17 ta' Marzu, 2017, talbu r-revoka contrario imperio tal-imsemmi digriet tal-14 ta' Marzu, 2017.*

*Huwa ritenut ukoll li kif gustament rilevat mill-konvenuti fit-tieni eccezzjoni taghhom, l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi anqas, in kwantu titlob biss ir-revoka tad-digriet tal-14 ta' Marzu, 2017, minghajr ma jintalab ukoll ir-revoka tad-digriet tal-10 ta' Ottubru, 2017. Min-naha l-ohra din il-Qorti tqis li d-digriet tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Ottubru, 2017, bhala wiehed finali, peress li ghandu min-natura ta' sentenza definittiva, in kwantu ghalaq il-procedura shiha. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-16 ta' Ottubru, 2006, fil-kawza fl-ismijiet* ***Mario Galea Testaferrata et vs Il-Prim'Ministru et****) Dan jinghad ukoll peress li minn ezami tal-Artikolu 963(6) tal-Kap. 12 jinghad li:*

> *"(6) Bid-dezerzjoni ta` kawza fil-qorti tal-ewwel grad il-procediment jispicca izda ma jispiccax il-jedd ghall-azzjoni. Fil-qorti fi grad ta` appell, bid-dezerzjoni jispicca l-appell, u s-sentenza appellata ssir gudikat."*

*Kwindi bil-provvediment tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Ottubru, 2017, is-sentenza tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Gunju, 2013, issa saret wahda finali, peress li ghaddiet in gudikat. Permezz tal-azzjoni odjerna l-atturi qeghdin donnhom iressqu appell ulterjuri mid-digriet tal-14 ta' Marzu, 2017, moghti mill-Qorti tal-Appell. Huwa ritenut li din l-azzjoni da parti tal-atturi tipprova tistultifika s-sistema gudizzjarja in kwantu taqleb l-ordni gerarkiku tal-Qrati ta' taht fuq, kif jghidu l-Inglizi "turning the system on its head", bir-rizultat li tinholoq dik id-dizordni fl-amministrazzjoni tal-gustizzja li hija proprju l-antitesi ta' kull principju*

*mhux biss tal-gustizzja imma anki ta' kull semplici regola tad-dritt. (Ara f'dan is-sens is-sentenza* ***Agius et vs Portelli*** *citata qabel.) L-azzjoni odjerna tittanta tattakka l-finalità ta' sentenza li ghaddiet in gudikat. Ghal dawn ir-ragunijiet ukoll din il-Qorti tqis l-azzjoni attrici bhala rrita u nulla safejn tattakka digriet finali tal-Qorti tal-Appell, quddiem din il-Qorti fil-kompetenza civili. Izda peress li l-atturi jallegaw ukoll ksur ta' drittijiet fundamentali, huwa opportun li tigi trattata wkoll tali allegazzjoni.*

*Ghalhekk imiss li jigi trattat l-ilment tal-atturi sa fejn jargumentaw li bid-digriet tad-dezerzjoni, wassal li l-appell taghhom ma instemghax fil-mertu, bic-cahda konsegwenzjali tad-dritt taghhom li l-appell jinghata smigh xieraq kif iridu l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. L-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:*

> *"Kull Qorti jew awtorita' ohra mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjonijiet ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli."*

*Min-naha l-ohra, l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni inter alia jipprovdi li: "Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u l-obbligi tieghu …kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi..."*

*Huwa ndubitat li l-atturi li pprezentaw l-appell taghhom quddiem il-Qorti tal-Appell, kellhom kull dritt ghal smigh xieraq, kif sancit fil-ligi, izda fuq in-naha l-ohra ta' dan id-dritt jezistu wkoll obbligi da parti tal-appellanti (atturi f'din il-kawza) li jassiguraw li jottempraw ruhhom mar-regoli tal-procedura, wara kollox il-kontroparti wkoll ghandha dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli. L-artikoli tal-ligi appena citati ma jaghtux dritt t'appell per se, izda ladarba dan id-dritt jirrizulta mil-ligi, inkluz l-obbligu taghhom bhala appellanti f'dik il-kawza, li jaghlqu l-proceduri bil-miktub, fl-istadju tal-appell fi zmien sena kif provdut fl-istess ligi, jew moghtija l-opportunita mill-Qorti tal-Appell, li jaghlqu dawk il-proceduri kemm jista' jkun malajr. Kwindi huwa ritenut illi f'kaz fejn jirrizulta li kienu l-atturi stess li kienu responsabbli ghal nuqqas fl-osservanza tal-procedura, fejn f'dan il-kaz irrizulta li l-atturi, bhala appellanti fil-kawza l-ohra baqghu inadempjenti ghal madwar erba' snin shah, f'liema perjodu sar tentattiv wiehed biss ta' notifika lill-appellati, minghajr ma nghatat ebda spjegazzjoni ghal tali inattivita, ma jistghux issa jilmentaw minn ksur ta' dritt ta' smigh xieraq. Huwa ghalhekk ritenut li hemm limitazzjonijiet ghal dan il-jedd, u dan b'rispett ukoll ghall-partijiet l-ohra fil-kawza.*

*Minn ezami tal-fatti kif zvolgew fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell, li jgibu referenza 1049/2005, din il-Qorti ma tirriskontra ebda lezjoni tad-drittijiet tal-atturi. Il-ligi m'ghandhiex tippremja in non kuranza, in-negligenza u l-inerzja ta' persuna, appellanti f'kawza*

*sabiex tiehu l-passi kollha mehtiega halli tottempra ruhha mad-dispositiv tal-ligi u tiehu hsieb li tinnotifika l-kontroparti bir-rikors tal-appell taghha, sabiex ikunu jistghu jinghalqu l-proceduri bil-miktub, fiz-zmien opportun. Mhux meqjus accettabbli li l-atturi jilmentaw minn cahda ta' dritt meta huma stess naqsu milli fi kliem il-Qorti tal-Appell, jadoperaw l-ghodda pprovduti fil-ligi sabiex jinnotifikaw lill-kontro-parti. L-atturi jippruvaw jiggustifikaw in-nuqqas ta' notifika tar-rikors tal-appell lill-appellati billi jghidu li gew zgwidati peress li l-atturi appellati originarjament kienu taw indirizz wiehed u filwaqt li certu atti gudizzjarji gew notifikati, ohrajn, bhar-rikors ghall-appell, baqa' mhux notifikat. Izda din mhix raguni valida li tiggustifika l-inerzja taghhom ghal tul ta' zmien konsiderevoli. Wara kollox, kif osservat mill-Qorti tal-Appell, kien hemm rimedji fil-ligi, li baqghu ma gewx adoperati mill-appellanti (atturi f'din il-kawza).*

*Kif kellha okkazzjoni tosserva din il-Qorti, l-iskop tal-ligi hu li jkun hemm konformità u kjarezza fir-regoli ta' procedura u li hadd, kemm mill-awtoritajiet u kemm minn dawk kolpiti minnhom ma jabbuzawx mill-procedura li altrimenti tista' tissarraf f'ingustizzja li twassal ghal ksur ta' xi dritt fondamentali tal-individwu. F'dan is-sens kienet is-sentenza, moghtija minn din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fid-19 ta' Gunju, 2013, fil-kawza fl-ismijiet* ***Anthony Bezzina vs L-Avukat Generali,*** *fejn inghad ukoll li l-garanzija tal-Artikolu 6 hija intiza ghall-access effettiv ghal Qorti u equality of arms. Dik is-sentenza kienet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar, 2014. Il-Qorti Kostituzzjonali ziedet ukoll:*

> *"Il-principju tal-equality of arms ma jfissirx li parti tista', l-ewwel tinjora r-regoli ta' procedura, u mbaghad tistieden lill-Qorti li, minkejja dan tmur kontra dawn l-istess regoli. Dan il-principju jfisser li kull parti ghandha tinghata opportunita` indaqs li tressaq il-kawza taghha; izda dan ma jfissirx li parti tista' tagixxi in oltragg ghar-regola tal-procedura u xorta tippretendi l-indulgenza tal-Qorti biex tressaq il-provi taghha fil-kumdita` taghha. Id-dritt tas-smigh xieraq hu koncess fit-termini tar-regoli tal-ligijiet tal-procedura, u jekk dawn jigu njorati mill-parti, ghal xi nuqqas, imputet sibi."*

*F'dik il-kawza saret referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem deciza fis-17 ta' Lulju, 2012, fil-kawza fl-ismijiet* ***Muscat vs Malta*** *fejn inghad:*

> *"44. The rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with, in lodging an appeal are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular, with the principle of legal certainty. That being so, the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy (see Miragall Escolono and Others v. Spain, nos. 38366/97...). However, those concerned must expect those rules to be applied [see, Nakov v. the Former Yugoslav Republic of Macedonia no.68286/01, 24 October 2002]. It is incumbent on the interested party to display special dilgence in the defence of his interests." [see Teuschler v. Germany (dec) no. 47636/99, 4th October*

> *2001, and Sukhorubchenko v. Russia no. 69315/01 paras.41-43, 10 February, 2005)."*

*Inoltre fis-sentenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem deciza fid-9 ta' Dicembru, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Knoess vs Malta** nghad ukoll:*

> *"The Court notes that the applicant has not pointed to any legitimate impediment justifying the delay on his part or his failure to follow the proceedings rigorously. The Court reiterates that it is incumbent on the interested party to display special diligence in the defence of his interests (see in the context of Article 6 generally, Teuschler v. Germany (dec.) no. 47636/99, 4 October 2001; and Muscat v. Malta, no. 24197/10, para. 44, 17 July 2012) and that a lack of alacrity by the parties in filing their submissions may contribute decisively to the slowing down of the proceedings (see Vernillo v. France, 20 February 1991, para. 34, Series A no.198);"*

*Applikati dawn l-istess principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ssib li l-pretensjoni attrici fis-sens li d-decizjoni ta' dezerzjoni tal-Qorti tal-Appell, kienet vjolattiva tad-dritt taghhom ghall-smigh xieraq, kif protett mill-Konvenzjoni Ewropea u mill-Kostituzzjoni ma gietx pruvata.*

*Il-Qorti fl-ahhar taghmel referenza ghal sottomissjoni maghmula waqt it-trattazzjoni verbali tad-difensuri tal-partijiet. L-atturi qed jilmentaw illi kien l-obbligu tar-registratur tal-Qrati li jinfurmahom tul il-pendenza mindu gie mdahhal l-appell bin-nuqqas ta' notifika pozittiva ghal xi att li jkun prezentat. Id-difensur tal-atturi ma jissostanzjax oltre dan l-argument. Din il-Qorti tqis illi hu d-dover sagrosant tal-parti li issegwi l-atti li tkun ressqet hi u taccerta ruhha li qed tottempera ruhha mal-ligi. L-artikolu 152(2) ta-Kap. 12 jistabilixxi biss dover fuq ir-registratur li jinforma lil avukat tal-parti bin-nuqqas ta' notifika tal-avviz tas-smigh f'terminu hemm stabbilit u xejn aktar. Il-ligi ma tghid xejn dwar xi dover tar-registratur tal-Qrati li jinforma lil parti fuq riferta ghal notifika ta' rikorsi ta' appell. Hu minnu li hemm sistema li kull att prezentat jigi mgharraf lil avukat jew prokuratur legali li jkun prezentah b'sms pero din mhix ligi jew procedura li tistabilixxi xi obbligu fuq ir-registratur u hi mezz biss ta' kommunikazzjoni facli biex l-avukat jew l-prokuratur legali jkollu indikazzjoni ta' x'qed isir mill-atti prezentati. Pero finalment jibqa' l-obbligu tal-parti li jsegwi b'mod responsabbli l-atti tieghu u ma jistax jiskolpa ruhu jekk ikun naqas bla raguni valida fil-ligi.*";

4. L-appellanti ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u b'Rikors tal-Appell imressaq minnhom fit-2 ta' Lulju, 2018, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li l-Qorti tħassarha, tiċħad l-eċċezzjonijiet

kollha mressqa mill-appellati u tilqa' minflok it-talbiet kollha tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellati;

5. Min-naħa tagħhom, bir-Risposta mressqa minnhom fl-24 ta' Lulju, 2018, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-appellati qajmu l-kwestjoni tas-siwi tal-appell (minħabba li tressaq quddiem qorti li ma messux tressaq quddiemha) minbarra li, fil-mertu, saħqu li l-Qorti għandha twarrab l-appell u tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

6. Minħabba li, kif ingħad, għall-bidu r-Rikors tal-Appell tressaq quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, fis-26 ta' Novembru, 2020, dik il-Qorti tat sentenza[1] li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, sabet li dak l-appell messu tressaq quddiem din il-Qorti u, kif irid l-Artikolu 741(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk ordnat li jsir billi bagħtet l-atti quddiem din il-Qorti biex tisma' u taqta' dwar l-imsemmi appell;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell waqt is-smigħ tal-21 ta' Ottubru, 2021, wara li għal xi żmien l-atti tal-kawża kienu ntilfu u kellhom jerġgħu jinbnew mill-ġdid;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u li l-appell tħalla għas-sentenza;

[1] Paġ. 156 sa 162 tal-atti

***Ikkunsidrat:***

9. L-appellanti, wara li semmew fil-qosor il-ġrajja li wasslet għall-għoti tal-provvediment attakkat, ressqu ħames aggravji mis-sentenza appellata. F'dawn l-aggravji huma jgħidu li l-ewwel Qorti ma qalitx sewwa meta sabet li l-Qorti tal-Appell setgħet tqajjem minn rajha l-kwestjoni tad-deżerzjoni, minkejja li l-ebda waħda mill-partijiet ma kienet qajmitha b'eċċezzjoni; fit-tieni aggravju, jgħidu li l-ewwel Qorti naqset li tħares l-għan u "l-animu" li jitolbu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 963(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; it-tielet aggravju jitkellem dwar in-nuqqas min-naħa tal-uffiċjali tal-Qorti li jagħtu lill-appellanti avviż ta' riferta negattiva tal-atti tal-appell li kienu ressqu; bir-raba' aggravju, l-appellanti jqisu li l-ewwel Qorti ma sabitx sewwa meta qalet li ma ġarrbu l-ebda ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq bid-digriet ta' deżerzjoni li ngħatat fl-14 ta' Marzu, 2017 (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-Digriet"); filwaqt li bil-ħames aggravju, l-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti messha ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet imqajmin mill-appellati;

10. Minħabba n-natura tal-eċċezzjonijiet, il-Qorti jidhrilha xieraq li tibda billi tqis l-ewwel il-**ħames aggravju**. Dan l-aggravju jirrigwarda ż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari li l-appellati qajmu kontra l-azzjoni attriċi. Bl-ewwel waħda, huma jgħidu li l-azzjoni attriċi ma tiswiex, għaliex mhuwiex

mogħti li xi ħadd jiftaħ kawża b'rikors maħluf quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex jattakka provvediment mogħti minn din il-Qorti. It-tieni eċċezzjoni preliminari, b'mod sussidjarju għall-ewwel waħda, tgħid li l-azzjoni attriċi hija difettuża (monka) billi ma setax jintalab biss it-tħassir tad-Digriet, imma wkoll tal-provvediment (li ngħata seba' xhur wara fl-10 ta' Ottubru, 2017), li bih din il-Qorti ċaħdet it-talba tal-appellanti biex terġa' taħsibha dwar id-deċiżjoni tagħha fid-Digriet;

11. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti laqgħet iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari li qajmu l-appellati, imma ma waqfitx hemm u għaddiet biex stħarrġet is-siwi tat-talba tal-appellanti fil-mertu. Iż-żewġ eċċezzjonijiet tqajmu bil-għan li joqtlu l-azzjoni tal-appellanti fuq is-saħħa tan-nuqqas ta' siwi formali tagħha. Fir-rigward tal-ewwel miż-żewġ eċċezzjonijiet, l-ewwel Qorti qieset li d-Digriet kien wieħed interlokutorju, għaliex kien maħsub li jirregola l-mixi 'l quddiem tal-proċeduri tal-appell imnedijin mill-appellanti, u mhux biex jiddeċiedi l-mertu tal-appell imressaq minnhom. Qieset li kien biss bil-provvediment mogħti minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 2017 (jiġifieri, dak li ċaħad it-talba biex din il-Qorti terġa' taħsibha dwar id-digriet tad-deżerzjoni) li ngħatat deċiżjoni li torbot ladarba għalaq il-proċedura sħiħa. Dwar it-tieni eċċezzjoni, sabet li, ladarba fl-azzjoni tagħhom l-appellanti talbu biss it-tħassir tad-Digriet u mhux ukoll dak tal-10 ta' Ottubru, 2017, l-azzjoni attriċi ma kinitx tiswa għaliex wieħed ma setax jitlob it-tħassir tad-Digriet bla ma jitlob ukoll li

jitħassar il-provvediment ta' Ottubru, 2017. Fuq kollox, l-ewwel Qorti sabet ukoll li l-azzjoni attriċi tressqet ħażin għaliex "taqleb l-ordni ġerarkiku tal-Qrati ta' taħt fuq", billi l-azzjoni tressqet fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tħassar provvediment mogħti minn din il-Qorti;

12. L-appellanti baqgħu jisħqu li l-ewwel Qorti messha ċaħdet dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet. Huma jgħidu li ma jaqblux mal-ewwel Qorti meta qalet li d-Digriet kien wieħed interlokutorju u li huma kellhom rimedju li jikkontestawh kif irid l-Artikolu 229(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għall-kuntrarju, jisħqu li l-proċedura msemmija f'dak l-artikolu tgħodd biss għal digrieti interlokutorji mogħtijin minn qorti tal-ewwel istanza għaliex dak l-artikolu jitkellem dwar appelli minn digrieti, u għalhekk ma huwiex maħsub biex jirregola provvedimenti mogħtijin minn din il-Qorti jew il-mod ta' kif xi ħadd jista' jikkontestahom, ladarba m'hemmx appell minn sentenzi tal-Qorti tal-Appell. B'żieda ma' dan, l-appellanti jgħidu wkoll li ma jaqblux li d-Digriet minnhom attakkat kien wieħed interlokutorju għaliex, mal-għoti tiegħu, l-appell waqaf u l-kawża ma setgħetx tibqa' tinstema'. Huma jaċċettaw li r-rikors li ressqu f'Marzu tal-2017 biex jitolbu lil din il-Qorti terġa' taħsibha dwar id-Digriet ma jnaqqas xejn mill-fatt li kien id-Digriet li kisrilhom il-jedd tagħhom li l-appell imressaq minnhom jinstema' u jinqata'. Ladarba d-Digriet "qatel" l-appell, il-mod waħdieni li kellhom biex jattakkaw is-siwi tiegħu jew biex jiksbu rimedju għall-ksur li ġarrbu kien billi tinfetaħ kawża ġdida u dik il-kawża kienet sewwasew l-

azzjoni tallum li kellha tinfetaħ b'mod kontenzjuż (bħala l-proċedura ordinarjament stabbilita mil-liġi) quddiem l-ewwel Qorti. Minħabba f'hekk, l-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti jmissha ċaħdet ukoll it-tieni eċċezzjoni preliminari, billi jargumentaw li ma kellhomx għalfejn jitolbu t-tħassir tad-digriet tal-10 ta' Ottubru, 2017, meta l-għan tagħhom kien li jiksbu dikjarazzjoni mill-Qorti dwar in-nuqqas ta' siwi tad-Digriet tad-deżerzjoni. Li kieku ntlaqgħet dik it-talba, kienet tintilef kull ħtieġa li wieħed joqgħod jitlob ukoll it-tħassir tal-provvediment mogħti f'Ottubru tal-2017;

13. Min-naħa tagħhom, l-appellati jwarrbu dan l-aggravju billi jgħidu li l-ewwel Qorti kellha raġun tilqa' ż-żewġ eċċezzjonijiet u setgħet ukoll waqfet hemm bla ma tidħol ukoll fil-mertu tal-azzjoni attriċi. Huma jgħidu li l-qofol ta' dik l-eċċezzjoni hu jekk parti f'kawża tistax tattakka provvediment mogħti minn din il-Qorti billi tressaq azzjoni quddiem qorti tal-ewwel istanza. Jisħqu li n-natura tad-Digriet hija kważi rrilevanti għaliex l-azzjoni tal-appellanti kienet waħda rritwali minnha nnifisha billi talbet lill-ewwel Qorti tiddeċiedi dwar is-siwi tad-Digriet li ngħata minn din il-Qorti. Dwar it-tieni eċċezzjoni, l-appellati jgħidu li l-aggravju tal-appellanti ma jqisx li kieku kellha tintlaqa' t-talba waħdanija tagħhom għat-tħassir tad-Digriet, kien jibqa' fis-seħħ il-provvediment mogħti f'Ottubru tal-2017, għaliex l-ewwel Qorti (u lanqas din il-Qorti) ma setgħetx tipprovdi dwar dan l-aħħar provvediment ladarba ma saritx talba f'dak is-sens;

14. Il-Qorti tibda biex tqis li l-azzjoni tal-appellanti saret kollha kemm hi dwar is-siwi tad-Digriet. Fil-fehma tagħha, il-provvediment interlokutorju kien dak li tat din il-Qorti fl-14 ta' Frar, 2017, bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 963(3) tal-Kapitolu 12 għaliex dak kien il-provvediment li rregola l-mixi tal-appell tal-appellanti f'dak l-istadju. Kien sewwasew f'dak l-istadju li l-appellanti, kieku qiesu li ż-żmien mogħti f'dak id-Digriet ma kienx biżżejjed għalihom biex itemmu l-proċess li jagħlqu l-proċedura bil-miktub, setgħu talbu r-rimedji li l-liġi tagħti dwar provvedimenti interlokutorji. Din il-Qorti ma taħsibhiex bħall-ewwel Qorti li d-Digriet kien interlokutorju, għaliex, malli ngħata, l-appell tqies deżert u spiċċa u s-sentenza appellata saret ġudikat[2]. Il-provvediment mogħti f'Ottubru tal-2017, ikkonferma biss li d-Digriet ma kienx se jitħassar u li l-appell kien tabilħaqq spiċċa mal-għoti tiegħu. F'dan ir-rigward, hija taqbel mal-appellanti f'din il-parti tal-aggravju tagħhom. Minħabba f'hekk, jidher ukoll li t-talba li kienu ressqu l-appellanti bir-rikors tagħhom tas-17 ta' Marzu, 2017, u li wassal għall-għoti tal-provvediment tal-10 ta' Ottubru, 2017, ma kinitx tajba lanqas għaliex il-mod kif digriet ta' deżerzjoni mogħti minn din il-Qorti jista' jkun attakkat huwa bit-teħid tal-proċeduri li l-liġi tagħti lil min irid jattakka s-siwi ta' provvedimenti bħal dak[3], u safejn dawn jistgħu hekk jittieħdu f'din l-istanza;

[2] Art. 963(6) tal-Kap 12

[3] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Jesmond Sammut v. Peter Aquilina*** u App. Ċiv. **24.8.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***AJD Tuna Ltd v. Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd et***

15. Madankollu, l-qalba tal-ewwel eċċezzjoni tmur lil hinn min-natura tad-Digriet jew taħt liema kategorija jaqa', għaliex il-kwistjoni hi jekk l-appellanti setgħux iniedu azzjoni biex jattakkaw id-Digriet mogħti minn din il-Qorti billi jiftħu kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Din il-Qorti tqis li qabel l-għoti tas-sentenza appellata l-appellati kienu ressqu sottomissjonijiet mirquma dwar din il-ħaġa[4] u jidher li l-ewwel Qorti aċċettathom. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti li t-triq waħdanija li kellhom biex jattakkaw id-Digriet kienet billi jiftħu kawża quddiem l-ewwel Qorti u dik l-għażla tagħhom għandha l-konsegwenzi tagħha. Il-Qorti ssib li ma għandhiex għalfejn ittawwal wisq aktar dwar dan u tqis li l-aggravju ma huwiex mistħoqq. Hija tagħmel tagħha l-fehmiet murija fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-**12 ta' Lulju, 2005**, fil-kawża fl-ismijiet ***Ronald Aġius et vs Paul Portelli***[5], li magħha wkoll imxiet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, għaliex jisiltu prinċipji ċari u xierqa ta' kif u f'liema limiti d-deċiżjonijiet u l-provvedimenti mogħtijin minn din il-Qorti jistgħu jkunu attakkati minn xi waħda mill-partijiet. Din il-fehma torbot ukoll ma' dak li ssemma fil-paragrafu ta' qabel dan;

16. Illi dan kollu jwassal ukoll għall-fehma li ladarba l-ewwel eċċezzjoni preliminari kienet tajba, ma kienx baqa' siwi li wieħed jistħarreġ it-tieni eċċezzjoni aktar minn dak li jirrigwarda l-għamla ta' azzjoni li l-appellanti

[4] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 79 – 80 tal-proċess
[5] §§ 7.9 – 7.10

setgħu u messhom ressqu biex jattakkaw id-deċiżjonijiet ta' din il-Qorti kemm fid-Digriet u kif ukoll fil-provvediment li ngħata fl-10 ta' Ottubru, 2017;

17. Għalhekk, il-Qorti se tiċħad għal kollox dan l-aggravju;

18. Għalkemm kien ikun biżżejjed li l-Qorti tieqaf sa hawn fil-kunsiderazzjonijiet tal-appell imressaq quddiemha, sejra tqis l-aggravji l-oħrajn ukoll;

19. Fl-**ewwel aggravju** l-appellanti jikkontestaw il-fehma tal-ewwel Qorti li sabet li din il-Qorti, fl-għoti tad-Digriet, ma għamlet xejn ħażin meta ddikjarat l-appell tagħhom deżert minkejja li l-ebda waħda mill-appellati ma qajmet l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni. Jgħidu li l-ewwel Qorti ma qisitx li b'dak il-mod, din il-Qorti kienet ħaddmet il-liġi ħażin u warrbet dak li tgħid fl-Artikolu 732(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dak il-mod, l-appellanti jgħidu li din il-Qorti, bid-Digriet, qatlitilhom l-appell tagħhom meta lanqas l-appellata Allwares Limited ma kienet qajmet dik il-preġudizzjali fir-Risposta tal-Appell tagħha. L-aggravju tagħhom huwa meħud kelma b'kelma mis-sottomissjonijiet li huma ressqu quddiem l-ewwel Qorti qabel ma ngħatat is-sentenza appellata[6];

[6] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 69 – 70 tal-proċess

20. L-appellati jirribattu b'qawwa dan l-aggravju u, wara li jagħtu l-fehma tagħhom dwar kif il-liġi nnifisha tagħti lil din il-Qorti s-setgħa li minn rajha tiddikjara d-deżerzjoni ta' appell imressaq quddiemha, imieru r-riferenzi mressqa mill-appellanti ta' sentenzi ċitati minnhom billi jgħidu li ċ-ċirkostanzi fil-każ tagħhom ma kienx bħal dawk li kien hemm fis-sentenzi ċitati. Iwarrbu wkoll kull riferenza għall-Artikolu 732(2), billi ħareġ ċar li ladarba l-appellati Spiteri Debono baqgħu ma laqgħu qatt in-notifika tal-atti tal-appell, ma setgħux jitqiesu li rrinunzjaw għall-eċċezzjoni tad-deżerzjoni. Fuq kollox, l-appellati jisħqu li kieku wieħed kellu joqgħod fuq l-ilment tal-appellanti, din il-Qorti ma tkun tista' qatt tieħu provvediment dwar id-deżerzjoni ta' appell jekk kemm-il darba l-ebda waħda mill-partijiet ma tkun laqgħet in-notifika tal-att tal-avviż tas-smigħ tal-appell jew ma tinteressax ruħha biex tidher quddiem din il-Qorti meta l-appell jissejjaħ. B'dak il-mod, din il-Qorti jkollha tibqa' tibgħat l-appell minn smigħ għal ieħor sa ma l-parti appellanti jogħġobha twettaq dak li messha kien ilha li wettqet sa minn qabel ma l-appell jitqiegħed għas-smigħ;

21. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti li l-kwistjoni tad-deżerzjoni ta' appell tiddependi biss u ta' bilfors minn eċċezzjoni mqajma mill-parti appellata. Il-kejl li trid timxi miegħu din il-Qorti fir-rigward ta' appelli mressqin quddiemha huwa dak stabbilit fl-Artikolu 963(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dak is-sub-inċiż jitkellem dwar l-għeluq tal-proċedura

bil-miktub fi żmien perentorju ta' sena fil-qorti fi grad ta' appell, liema żmien jibda miexi minn dakinhar li jitressaq ir-rikors tal-appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata[7]. Minn kliem il-liġi nnifisha, dak iż-żmien huwa wieħed perentorju u terminu bħal dak jorbot idejn il-qorti li tkun biex tara li jitħares u jitwettaq. Jekk il-liġi nnifisha ma tagħmilx eċċezzjoni, qorti tkun marbuta li tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-liġi minn rajha, ladarba t-terminu huwa wieħed perentorju. Minkejja dan, il-liġi torbot lil qorti li, minkejja li ma tkunx ingħalqet il-proċedura bil-miktub fiż-żmien imsemmi fis-sub-inċiż (1), tagħti ordnijiet għal darba waħda biss bil-għan li l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u tevita li l-kawża taqa' deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità[8];

22. Ma hemm l-ebda dubju li s-setgħa mogħtija lil din il-Qorti bit-tħaddim tal-Artikolu 963(1) tgħodd ukoll jekk u meta jgħaddi għalxejn iż-żmien ta' xi ordni li tkun ingħatat taħt l-Artikolu 963(3) tal-Kodiċi. Il-kliem tal-liġi ma jeskludix li din il-ħaġa tista' titqajjem minn qorti *ex ufficio*. Din is-setgħa li l-Qorti tqajjem il-kwistjoni tad-deżerzjoni tal-appell minn rajha fiċ-ċirkostanzi xierqa hija magħrufa wkoll b'deċiżjonijiet ta' din il-Qorti[9]. Din il-Qorti hija tal-fehma wkoll li, għall-anqas fir-rigward tal-appellati Spiteri Debono, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 732(2) tal-Kodiċi li jsemmu

[7] Art. 963(2) tal-Kap 12
[8] Art. 963(3) tal-Kap 12
[9] App. Ċiv. **8.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd. noe vs WJ Parnis England Ltd noe***

l-appellanti ma jgħoddux żgur, ladarba huma baqgħu ma kinux notifikati bir-Rikors tal-Appell u lanqas ma dehru meta l-appell issejjaħ fi Frar tal-2017 jew xi darb'oħra wara sa dakinhar li ngħata d-Digriet. B'dan il-mod, lanqas jista' jingħad li setgħu jgħoddu fir-rigward tagħhom id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 963(4) jew li huma b'xi mod irrinunzjaw għad-deżerzjoni tal-appell;

23. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li lanqas dan l-aggravju ma huwa tajjeb u mhux se' jintlaqa';

24. Bit-**tieni aggravju** l-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti naqset li tħares "l-iskop u l-animu wara l-inseriment tas-sub-Artikolu (3) għall-Artikolu 963". Minbarra li hawnhekk ukoll itennu sottomissjonijiet li kienu għamlu fit-trattazzjoni miktuba quddiem l-ewwel Qorti qabel ma ngħatat is-sentenza appellata, jilmentaw li l-ewwel Qorti tat siwi mhux mistħoqq lejn dak li kien ġara (jew aħjar, dak li ma kienx ġara) minn dakinhar li kienu ressqu l-appell mis-sentenza fil-kawża l-oħra sa dakinhar li ngħata d-digriet tal-14 ta' Frar, 2017, li tahom żmien biex jilħqu jinnotifikaw lill-appellati. Huma jgħidu li l-ewwel Qorti messha ffukat fuq x'ġara matul iż-żmien minn dakinhar li ngħata l-provvediment fl-14 ta' Frar, 2017, skont l-Artikolu 963(3) tal-Kodiċi sa dakinhar li ngħata d-Digriet. Huma jgħidu li huma ma jaħtu xejn li l-appell tagħhom f'dik il-kawża dam qrib erba' snin biex tqiegħed għas-smigħ, imma min-naħa l-oħra ż-żmien li tathom il-

Qorti biex itemmu l-proċediment bil-miktub u jinnotifikaw lill-appellati ma kienx biżżejjed u dan xejjen l-għan li għalih il-liġi kienet tagħti rimedju biex appell ma jmurx deżert. Hawnhekk ukoll jerġgħu jgħidu li d-Digriet iffoka bla mistħoqq fuq kemm żmien kien għadda minn mindu kienu ressqu l-appell tagħhom bla ma qies x'tentattivi kienu għamlu fiż-żmien qasir li ngħatalhom bil-għan li jippruvaw jinnotifikaw lill-appellati. Jilmentaw li ż-żmien ta' xahar li ngħatalhom fid-digriet tal-14 ta' Frar, 2017, ma kienx xieraq biex itemmu l-proċess tan-notifiki u jegħlbu d-diffikultajiet li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom biex jinnotifikaw lil kulħadd. B'hekk iqisu li s-sentenza appellata ma qisitx li d-Digriet kien ir-riżultat ta' ordni li din il-Qorti tat b'kundizzjonijiet li lanqas il-liġi ma kienet tippreskrivihom;

25. L-appellati jikkontestaw bil-qawwa kollha dawn l-argumenti. Huma jgħidu li t-tifsira li l-appellanti jridu jagħtu lid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 963(3) tal-Kodiċi ġġib l-effett li din il-Qorti jmissha tibqa' ttawwal iż-żmien lill-parti appellata li twettaq dak li messha kienet wettqet sa minn qabel u li b'dan il-mod, l-eċċezzjoni għar-regola li l-proċedura bil-miktub trid tingħalaq fi żmien perentorju, ssir ir-regola li l-parti appellanti tista' tibqa' ġġebbed sa ma jogħġobha taħt l-iskuża li għandha l-jedd li ssalva appell li tkun ressqet;

26. Il-Qorti tibda biex tirrileva li l-provvediment li din il-Qorti tat fl-14 ta' Frar, 2017, fl-appell li l-appellanti kienu ressqu fil-kawża l-oħra ma kien

bl-ebda mod magħmul jew imfassal bi ksur ta' dak li jrid l-Artikolu 963(3) tal-Kodiċi. Kien jikkostata li l-proċess tan-notifika ma kienx għadu ntemm, ta żmien biex dan jista' jsir, u żamm lura milli jiddikjara deżert l-appell. Fit-tieni lok, il-Qorti tqis li l-Artikolu 963(3) imissu jitqies bħala rimedju b'eċċezzjoni mogħti mil-leġislatur biex inaqqas l-effetti radikali maħsuba fl-Artikolu 963(1) tal-istess Kodiċi. Għalhekk it-tħaddim ta' dak is-sub-inċiż irid isir b'mod li l-eċċezzjoni ma xxejjinx ir-regola. Fit-tielet lok, din il-Qorti ma tlum bl-ebda mod lill-ewwel Qorti li, meta ġiet biex tqis is-siwi tad-Digriet, qieset ukoll kemm żmien kien għadda għalxejn bejn meta l-appellanti kienu appellaw mis-sentenza fil-kawża l-oħra u x'kienet il-qagħda tal-atti tal-istess appell dakinhar li tqiegħed għas-smigħ. Mhux hekk biss, imma jixraq li jingħad li, sa dakinhar li ngħata d-Digriet, l-ebda waħda mill-appellati ma kienet għadha laqgħet in-notifika tar-Rikors tal-Appell u għalkemm l-appellata Allwares Limited kienet ressqet Risposta tal-Appell ftit jiem qabel dakinhar li ngħata d-Digriet, dan għamlitu biss f'isimha u hija laqgħet formalment in-notifika tar-Rikors tal-Appell, safejn jirrigwarda lilha, dakinhar li ngħata d-Digriet. Dawn il-kunsiderazzjonijiet riedu jsiru ta' bilfors biex wieħed iqis kif jixraq ix-xilja li l-appellanti jagħmlu dwar il-proporzjonalita` tal-ordni mogħti fl-14 ta' Frar, 2017, u x'wassal għall-motivazzjonijiet li mbagħad issemmew fid-Digriet. Fir-raba' lok, kif sewwa jgħidu l-appellati, jekk l-appellanti dehrilhom li ż-żmien mogħti lilhom fl-ordni tal-14 ta' Frar, 2017, ma kienx se jkun biżżejjed biex jilħqu jsiru n-notifiki meħtieġa u tingħalaq il-proċedura bil-miktub, kien

hemmhekk li huma messhom talbu żmien itwal jew li jingħataw l-ordnijiet oħrajn meħtieġa qabel laħaq għalaq iż-żmien mogħti fl-ordni u billi jitressqu l-atti meħtieġa u f'waqthom. Fil-ħames lok, il-fatt li l-Artikolu 963(3) ma jsemmix kemm għandu jkun iż-żmien li jingħata f'ordni bħal dik li tista' tagħti qorti, ma jfissirx li qorti ma tista' tagħti l-ebda żmien biex jitwettaq dak li għandu jitwettaq. Fil-fatt, il-liġi tinqeda bil-kliem "kemm jista' jkun malajr" u tħalliha f'idejn il-Qorti li fid-dehen tagħha (u, bħalma jiġri fil-prattika bosta drabi, wara li tisma' lill-avukat tal-parti appellanti) li tagħti lill-parti appellanti żmien xieraq biex tagħmel dak li għandu jsir. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellanti li l-għoti ta' żmien huwa ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi. Fis-sitt lok, il-liġi titkellem ċar ukoll li l-ordni li l-Qorti tista' tagħti taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 963(3) jingħata għal darba waħda biss. L-ewwel Qorti qieset din iċ-ċirkostanza wkoll u l-appellanti ma ġabu 'l quddiem l-ebda argument ġdid li jista' jwassal lil din il-Qorti li ssib nuqqasijiet fil-kunsiderazzjonijiet li s-sentenza appellata tagħmel f'dan ir-rigward;

27. Fid-dawl ta' dan kollu, dan l-aggravju wkoll ma jistħoqqlux jintlaqa';

28. It-**tielet aggravju** tal-appellanti jitkellem dwar in-nuqqas ta' riferta lilhom (jew lill-avukat tagħhom ta' dak iż-żmien) li r-rikors tal-appell tagħhom ma kienx notifikat lill-appellati fil-kawża l-oħra li fiha ngħata d-Digriet. Isaħħu dan l-ilment tagħhom billi jsemmu l-Artikolu 188 tal-Kodiċi

u l-"prassi antika u inveterata li kopja ta' dik ir-riferta tingħata lill-avukat". Jisħqu li dan huwa aktar meħtieġ meta wieħed iqis li parti f'kawża ma għandha l-ebda kontroll kif isiru n-notifiki ta' atti li hija tkun ressqet u ħallset għalihom. L-appellanti jressqu argument li fil-proċess tan-notifika tal-atti ġudizzjarji, jinħalaq rapport kuntrattwali bejn il-parti li tressaqhom u l-uffiċjali tal-Qrati li jitqabbdu biex jinnotifikawhom. Minħabba f'hekk, jgħidu li kien jaqa' fuq ir-Reġistratur li jgħarrafhom li n-notifiki ma kinux seħħew u li kien hemm problema bl-indirizz mogħti mill-appellati nfushom, u li ma kienx sewwa li dan in-nuqqas jerfgħuh huma meta ma kellhom l-ebda kontroll fuq dak li sar;

29. F'dan ir-rigward ukoll l-appellati jqisu li din il-Qorti għandha tiċħad dan l-aggravju, għaliex jgħidu li l-appellanti ma ppruvaw bl-ebda mod dak li jallegaw dwar ir-riferti u wkoll għaliex iqisu li l-appellati bl-ebda mod ma qarrqu bihom dwar l-indirizz fejn kellha ssir in-notifika tal-atti tal-appell;

30. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li ftit li xejn tissemma din il-kwistjoni fis-sentenza appellata u ma jidhirx li kienet xi kunsiderazzjoni li fuqha l-ewwel Qorti sejset il-fehma tagħha u kif qatgħet is-sentenza. Fit-tieni lok, dan l-aggravju jirrigwarda ċirkostanza li seħħet matul iż-żmien meta l-appellanti kienu ressqu l-appell tagħhom fil-kawża l-oħra sa ma dak l-appell tqiegħed fuq il-lista għas-smigħ. Jekk inhu hekk, dan l-aggravju jmieri sewwasew wieħed mill-argumenti magħmulin mill-istess appellanti

fit-tieni aggravju tagħhom – jiġifieri li l-ewwel Qorti ma messhiex qieset dak li kien sar jew ma sarx matul iż-żmien bejn meta tressaq l-appell u ż-żmien meta l-appell tqiegħed għas-smigħ. F'kull każ, il-Qorti tqis li l-appellanti nfushom jagħrfu li mkien fil-liġi ma jingħad li l-uffiċjal tal-Qorti jrid jgħarraf lill-parti li tkun ressqet att ġudizzjarju bl-eżitu tan-notifika. Kulma titlob il-liġi, u l-Artikolu 188 in partikolari, hu li l-uffiċjal eżekuttiv ta' att ġudizzjarju, iniżżel ir-riferta fuq l-att u jgħid jekk in-notifika saritx jew, jekk ma tkunx saret, x'kienet ir-raġuni;

31. Fir-raba' lok, il-Qorti ma tifhimx kif dan l-aggravju jista' b'xi mod jixħet dawl dwar is-siwi tad-Digriet li huwa l-mertu tal-azzjoni attriċi. Dan jingħad għaliex, l-appellanti nfushom jagħrfu li ma kien hemm l-ebda dispożizzjoni tal-liġi li torbot lil xi uffiċjal tal-Qorti li jgħarrafhom personalment bl-eżitu tar-riferta. Dan jingħad ukoll għaliex huma stqarrew li, minkejja n-nuqqas ta' tali riferta personali, kienu ntebħu sa qabel ma ngħata d-Digriet li n-notifika tal-appell tagħhom ma kienet saret lill-ebda waħda mill-partijiet appellati sa dakinhar li kellu jerġa' jissejjaħ l-appell u sa dakinhar li ngħata d-Digriet. Kemm hu hekk, ix-xhieda tal-Prokuratur Legali tagħhom tagħmilha ċara li l-appellati kienu saru jafu, imma ma dehrilhomx li kellhom żmien biżżejjed qabel ma kellu jerġa' jissejjaħ l-appell li jressqu xi att ieħor jew jippruvaw mill-ġdid jinnotifikaw l-atti tar-Rikors tal-Appell lill-appellati li ma kinux għadhom ressqu Risposta għal dak l-appell. Fil-ħames lok, il-Qorti ssib ukoll li l-fatt li l-liġi

ma tordnax li tingħata lill-parti personalment riferta ta' att imressaq minnha ma jiksirx lanqas il-jedd ta' aċċess għal qorti jew dak ta' smigħ xieraq. Kemm hu hekk, il-kwistjoni tan-nuqqas ta' riferta kien mistħarreġ ukoll f'każ li tressaq kontra Malta u fejn il-Qorti ta' Strassbourg espressament qieset li "*the Court observes that the Maltese legal system makes no provision for the service of a notice on the interested party informing him or her that notification had not been successful. For the Court, such notice is desirable and, in the present case, would have enabled the applicant to rectify the relevant error within the deadline. Nevertheless, the Court finds that the system as it currently operates cannot be considered flawed to the extent that it denied the applicant access to court in the present case for the reasons which follow.*"[10] Aktar 'il quddiem dik il-Qorti sabet ukoll li "*the bailiff had correctly noted that notification had been unsuccessful. However, in the subsequent months the appellant party had not checked the file in order to verify whether the relevant notification had been served. The Court considers that such an action was within the appellant party's remit and in its interest, not only for the progress of the case, but also for enabling it to understand that there had been an error and to attempt a new notification, based on the correct address. In such circumstances the Court cannot but conclude that the appellant party had been negligent .. .. Bearing in mind the aim of ensuring a proper administration of justice*

[10] Q.E.D.B. **17.7.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat v. Malta*** (Applik. Nru. 24197/10) § 49

*and legal certainty including the protection of the rights and interest of others, the Court considers that the court's assumption that the appellant had lost interest in pursuing his claim had a sufficient basis and that the decision of 20 November 2003 cannot be said to be tainted with excessive formalism. It therefore did not as such violate the applicant's right of access to court*"[11];

32. Il-Qorti hija tal-fehma li l-imsemmija kunsiderazzjonijiet jgħoddu sewwa għall-każ li għandha quddiemha u jrieġu r-raġunament magħmul mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Għalhekk, lanqas dan l-aggravju ma huwa mistħoqq;

33. Jifdal li l-Qorti tqis ir-**raba' aggravju** li bih l-appellanti ma jaqblux li l-ewwel Qorti kellha ssib li d-Digriet ma kisirx il-jedd fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq. Huma jgħidu li ma kienu jaħtu bl-ebda mod għall-fatt li kienu għaddew kważi erba' snin minn dakinhar li ressqu l-appell tagħhom fil-kawża l-oħra sa ma l-istess appell tqiegħed għas-smigħ. Jargumentaw ukoll li ż-żmien ta' xahar li ngħatalhom fid-digriet tal-14 ta' Frar, 2017, biex iwettqu n-notifiki kien qasir wisq. Juru tħassib għaliex l-ewwel Qorti dehrilha li ma kienx xieraq li jiżdied iż-żmien li ngħata fid-digriet tal-14 ta' Frar, 2017, meta tali żieda ma kinitx se ttawwal wisq il-proċess li kien ilu s-snin għaddej u meta l-appellata Allwares

[11] *Ibid.* § 52

Limited ma kinitx opponiet għat-talba li l-Qorti tħassar id-Digriet u tagħtihom aktar żmien biex itemmu l-proċess tan-notifika tal-appellati l-oħrajn. Iżidu jgħidu li d-Digriet tabilħaqq kisrilhom il-jedd tagħhom għal aċċess effettiv ta' qorti u għal smigħ xieraq;

34. L-appellati jwarrbu dan l-aggravju. Jibdew billi jfakkru li l-appellanti damu s-snin ma jagħtux każ jekk l-appell li huma ressqu fil-kawża l-oħra kienx notifikat lill-appellati. Il-fatt li l-appell dam ma tqiegħed għas-smigħ ma jnaqqas xejn mit-traskuraġni tal-appellanti li jsegwu l-appell tagħhom. Ma kienx sewwa li, wara dawk is-snin kollha ta' letarġija, jilmintaw li x-xahar żmien li din il-Qorti tathom fid-digriet tal-14 ta' Frar, 2017, kien żmien qasir wisq u sproporzjonat. Jisħqu li l-appellanti ma kellhom l-ebda jedd jaħsbu li l-fatt li l-appellati Spiteri Debono ma ressqux tweġiba għar-rikors imressaq mill-appellanti fis-17 ta' Marzu, 2017, kien ifisser li huma rrinunzjaw għall-jedd fundamentali tagħhom li huma wkoll jingħataw smigħ xieraq. Jagħlqu billi jgħidu li l-appellanti ma ġabu 'l quddiem l-ebda raġuni tajba biex twassal lil din il-Qorti taqleb il-fehmiet li waslet għalihom l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward fis-sentenza appellata;

35. Din il-Qorti qieset sewwa l-kunsiderazzjonijiet li l-ewwel Qorti għamlet biex tistħarreġ dan l-ilment tal-appellanti mid-Digriet u l-effetti li seta' ħalla fuq il-jedd tagħhom li jingħataw smigħ xieraq u aċċess effettiv għal rimedju quddiem qorti. Madankollu, ma ssib xejn fis-sentenza

appellata li jixhed li dik il-Qorti ma qisitx kif kellha tqis l-imsemmija lmenti. Lanqas ma jirriżulta li d-Digriet fih innifsu kien jikser dak il-jedd tal-appellanti. Il-Qorti tqis li l-jedd ta' aċċess għal qorti lill-appellanti ngħata u twettaq bil-fatt li huma appellaw mis-sentenza fil-kawża l-oħra. Id-Digriet ma sabx li r-rikors tal-appell tagħhom kien null jew ma jiswiex. Is-sanzjoni tad-Digriet kienet marbuta man-nuqqas tal-appellanti li jaraw u jiżguraw li r-Rikors tal-Appell tagħhom ikun notifikat fiż-żmien lill-appellati f'dik il-kawża, ukoll f'dak iż-żmien imtenni li ngħatalhom fid-Digriet. Il-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq ried jitqies ukoll fil-qafas tal-proċediment kollu, u ma hemm xejn fid-Digriet li jonqos minn dan l-aspett. Fuq kollox, l-għaqal tal-parti li tieħu ħsieb ħwejjiġha fil-proċeduri li tkun ressqet quddiem qorti jitlob li dik il-parti, u l-avukat li tkun ħatret, jaraw li ma jagħmlu xejn li jista' jitqies bħala traskuraġni fit-tħaris tal-interessi tagħhom u tad-dispożizzjonijiet tal-liġi proċedurali. Sentenzi mogħtijin kemm minn qrati Maltin[12] u kemm mill-Qorti ta' Strassbourg[13] iħaddnu dawn ir-regoli wkoll;

36. Għalhekk, dan l-aggravju wkoll mhuwiex mistħoqq u mhux se jintlaqa';

***Decide:***

37. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[12] Kost **30.10.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Muscat et vs Avukat Ġenerali et*** u Kost. **10.3.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Gernot Knoess et vs The Attorney General et*** §§ 9 - 10

[13] Q.E.D.B. **17.7.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat vs Malta*** (Applik. Nru. 24197/10) §§ 50 u 55; u Q.E.D.B. **9.12.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Knoess vs Malta*** (Applik. Nru. 69720/11) § 65

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-atturi mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi mhux mistħoqq la fil-fatt u lanqas fid-dritt, u għalhekk tikkonferma għal kollox l-imsemmija sentenza; u

**Tordna** li l-appellanti jħallsu l-**ispejjeż ta' dan l-appell** u kif ukoll dawk marbuta mas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Novembru, 2020, li ddirimiet il-preġudizzjali tal-kompetenza tal-qorti li quddiemha kellu jitressaq dan l-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Joseph R Micallef<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da